*GILJOTTINA*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Frar 2002

**Numru : 5**
**Citaz. Numru : 1688/01/RCP**

**Calbros Limited**

**vs**

**Busietta Gardens Madliena Limited (C11116)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlettax il-elf Lira Maltin (Lm13,000), ammont rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal konsistenti f'madum u affarijiet ohra relatati, mibjugh,

maghmul u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha stess minn Marzu tas-sena 2000 l’ hawn, bilanc minn somma akbar ta’ hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000), liema ammont hawnekk riklamat kien anke accettat bhala dovut mill-istess socjeta` konvenuta permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Ottubru 2000 (DOK A);

Illi konsegwenti ghal dik l-istess ittra, is-socjeta’ konvenuta hallset is-somma ta’ ghaxar t’elef Liri Maltin (Lm10,000) permezz ta’ Bank Draft numru 77003 (DOK B) kif kien minnha mwieghed, izda naqqset illi thallas il-bilanc rimanenti ta’ tlettax il-elf Liri Maltin (Lm13,000) hawnekk riklamati;

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont ta’ tlettax il-elf Lira Maltin (LM13,000), permezz ta’ ittra legali tal-21 ta’ Novembru 2000 (DOK C), izda baqghet inadempjenti u ma hallsitx is-somma dovuta minnha mwieghda;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghal din l-istess talba;

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk is-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-Artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax il-elf Lira Maltin (Lm13,000), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-Mandati ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' dan l-att u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' Charles Gauci ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika ghall-11 ta' Dicembru 2001.

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2001 fejn il-kawza regghet giet differita ghan-notifika ghall-5 ta' Frar 2002.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tal-20 ta' Dicembru 2001 u d-digiriet tal-Qorti tas-27 ta' Dicembru 2001 fejn laqghet it-talba u ordnat li tali notifika ssir *ai*

*termini* tal-Artikolu 187 (5) tal-Kap 12 u f'gazzetta lokali wahda.

Rat l-estratt tal-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-17 ta' Jannar fejn gew esebiti estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Jannar 2002 u estratt iehor mill-gurnal 'The Times' tat-12 ta' Jannar 2002.

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tal-5 ta' Frar 2002 fejn dehru Dr Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta` attrici u Carmel Gauci ghall-istess u Dr Anthony Ellul ghas-socjeta` konvenuta, u ghalkemm kienu saru 9.13 a.m. ir-rapprezentant tal-istess socjeta` konvenuta Adrian Busietta msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. Dr Ellul irrileva li s-socjeta` konvenuta llum jisima "Town Investments Co Ltd" stante li s-socjeta` konvenuta giet amalgamata fiha. Dr Spiteri Bailey inista li tinghata sentenza.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** b'dan illi:

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax il-elf Lira Maltin (Lm13,000), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-Mandati ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment ma' dan l-att u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**5 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**5 ta' Frar 2002**